DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/326

tal-24 ta' Frar 2022

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/961 li awtorizza miżura proviżorja meħuda mir-Repubblika Franċiża f'konformità mal-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) biex tirrestrinġi l-użu u t-tqegħid fis-suq ta' ċertu injam trattat bil-kreożot u b'sustanzi oħra relatati mal-kreożot

(notifikata bid-dokument C(2022) 1074)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 129(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/961 ([2]) ("id-Deċiżjoni") li tawtorizza miżura proviżorja meħuda minn Franza f'konformità mal-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 biex tirrestrinġi l-użu u t-tqegħid fis-suq ta' ċertu injam ittrattat bil-kreożot u b'sustanzi oħra relatati mal-kreożot.

(2) Skont l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni, il-miżura proviżorja kienet awtorizzata għal perjodu ta' 27 xahar mid-data effettiva tad-Deċiżjoni, li b'hekk intemm fis-7 ta' Settembru 2021.

(3) Id-durata ta' 27 xahar kienet maħsuba biex tipprovdi żmien biżżejjed sabiex tiġi konkluża l-proċedura ta' restrizzjoni li l-Artikolu 129(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 obbliga lil Franza tibda billi tressaq dossier lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (l-Aġenzija) f'konformità mal-Anness XV tal-istess Regolament ("dossier skont l-Anness XV") fi żmien tliet xhur mid-Deċiżjoni.

(4) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1839 ([3]), id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-kreożot għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8, ġiet posposta għall-31 ta' Ottubru 2022. Dan sar sabiex jitqies iż-żmien meħtieġ għat-tħejjija u għat-tressiq tal-opinjoni tal-Aġenzija kif ukoll iż-żmien meħtieġ biex jiġi deċiż jekk mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) hijiex sodisfatta u jekk l-approvazzjoni tal-kreożot tistax għalhekk tiġġedded.

(5) Franza ma bdietx il-proċedura ta' restrizzjoni fi żmien tliet xhur mid-Deċiżjoni. Franza targumenta li l-kamp ta' applikazzjoni u li l-kontenut tad-dossier skont l-Anness XV li jrid jitressaq huma marbuta mill-qrib mal-konklużjonijiet mid-diskussjonijiet dwar it-tiġdid jew in-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tal-kreożot skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza legali ta' restrizzjoni possibbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 mal-konklużjonijiet ta' dawk id-diskussjonijiet. Intrabtet li tressaq id-dossier skont l-Anness XV sal-1 ta' Frar 2022, sabiex tkun tista' tqis il-konklużjonijiet minn dawk id-diskussjonijiet.

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

([2]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/961 tas-7 ta' Ġunju 2019 li tawtorizza miżura proviżorja meħuda mir-Repubblika Franċiża f'konformità mal-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) biex tirrestrinġi l-użu u t-tqegħid fis-suq ta' ċertu injam trattat bil-kreożot u b'sustanzi oħra relatati mal-kreożot (ĠU L 154, 12.6.2019, p. 44).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1839 tal-15 ta' Ottubru 2021 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-kreożot għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 (ĠU L 372, 20.10.2021, p. 27).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

(6) Jenħtieġ li d-durata li għaliha hija awtorizzata l-miżura provviżorja tippermetti li l-proċedura ta' restrizzjoni tiġi konkluża. Fid-dawl tal-iskedi taż-żmien involuti fil-proċedura ta' restrizzjoni, jenħtieġ għalhekk li d-durata li għaliha hija awtorizzata l-miżura proviżorja tiġi estiża bl-istess perjodu bħal dak ikkalkulat fid-Deċiżjoni, li hu ta' 27 xahar mid-data tat-tressiq tad-dossier skont l-Anness XV.

(7) Ir-raġunijiet għall-awtorizzazzjoni tal-miżura provviżorja kif deskritt fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/961 ma jinbidlux. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-miżura proviżorja tkompli tkun awtorizzata.

(8) Sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali li tkun tirriżulta mill-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tal-miżura provviżorja Franċiża qabel il-konklużjoni tal-proċedura ta' restrizzjoni, jeħtieġ li, b'effett retroattiv, tiġi estiża d-durata li għaliha hija awtorizzata l-miżura provviżorja. Għalhekk jenħtieġ li d-durata tiġi kkalkulata mit-8 ta' Settembru 2021 pjuttost milli mid-data mistennija tat-tressiq tad-dossier skont l-Anness XV, u jenħtieġ li jiġu miżjuda kif xieraq ħames xhur oħra, li jwassal l-estensjoni totali tad-durata għal 32 xahar.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/961 tiġi emendata skont dan.

(10) Din id-Deċiżjoni hija f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilita skont l-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/961, il-kliem "27 xahar" jinbidel bil-kliem "59 xahar".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-8 ta' Settembru 2021.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2022.

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni